MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1162/2003/1

**Lt. Col. Gustav Caruana f'ismu u in rapprezentanza ta' Captain A. Caruana Limited Est. 1894**

**v**

**Air Supplies & Catering Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni presentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Novembru, 2003 l-attur proprio et nomine ppremetta illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' hmistax-il elf disa' mija u sitta u tmenin liri maltin u sitta u tletin centezimu (LM15,986.36) rappresentanti l-prezz ta' merkanzija fornita mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta; illi ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu anke permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Awissu 2003 – Dok. C1 – id-debituri baqghu inadempjenti; u ghalhekk talab li dik il-Qorti:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hmistax-il elf disa' mija u sitta u tmenin liri maltin u sitta u tletin centezimu (LM15,986.36) rappresentanti merkanzija mibjugha lilhom.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Awissu 2003, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv.

B'nota ppresentata fis-27 ta' Jannar, 2004 is-socjeta` konvenuta eccepit:-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.
2. Subordinatament il-kumpanija konvenuta m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur Lt. Col. Gustav Caruana.
3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet ma kien hemm l-ebda fornitura ta' merkanzija b'obbligu ta' hlas kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.
4. Illi kif jigi pruvat ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza l-kumpanija konvenuta m'ghandha tghati ebda somma lill-attur pro et noe.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza in parte moghtija fit-18 ta' Ottubru, 2004 il-Prim Awla ta' Qorti Civili ddisponiet mill-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta billi, waqt li cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, laqghet it-tieni eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess guridiku bejn l-attur Lt. Col. Gustav Caruana proprio u s-socjeta` konvenuta u

ordnat li l-ispejjes ta’ dik is-sentenza jigu sopportati b’mod ugwali bejn il-kontendenti.

Minn din is-sentenza gie intavolat appell mis-socjeta` konvenuta billi hassitha aggravata bic-cahda tal-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni minnha sollevata u konsegwentement talbet li, ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors ta’ l-appell, is-sentenza appellata tigi konfermata fejn giet milqugha l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ interess guridiku ta’ Lt. Col. Gustav Caruana proprio u riformata fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellanta u “konsegwentement tichad it-talbiet attrici”, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti huma bazikament is-segwenti:-
a) l-Onorabbli Prim Awla ma ghamlitx apprezzament korrett tan-natura tan-negozju bejn il-partijiet.
b) Illi l-appellanta gabet prova li l-preskrizzjoni ma gietx interrotta, u li jezistu l-elementi necessarji ghall-applikazzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali.

Huwa opportun li hawn tigi riportata dik il-parti tas-sentenza appellata fejn insibu l-konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward ta’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni. L-ewwel Qorti qalet hekk:
“**Kunsiderazzjonijiet:**

“Illi s-socjeta` konvenuta issollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin u dik skond l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi dan l-artikolu tal-ligi jistipula illi:

**2156.** “L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin:

L-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.”

“Illi s-socjeta` attrici permezz tad-dikjarazzjoni maghmula minn David Demajo tghid illi hija kienet ilha tipprovdi merkanzija lis-socjeta` konvenuta mis-sena 1990 sas-sena 1999.

“Illi matul dan il-perjodu (u cioe` minn 1990 sal-1999) irrizulta illi s-socjeta` konvenuta kienet ghamlet diversi ordnijiet u sussegwentement diversi pagamenti akkont tad-debitu pendenti u dan kif jirrizulta kemm mill-istatements esebiti mis-socjeta attrici (Dok. C7 a fol. 77 et seq.) u mill-istatements esebiti mis-socjeta` konvenuta jirrizulta li hija baqghet taghmel pagamenti akkont anke sas-sena 2002.

“Illi ma hemmx dubju li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet wahda ta’ natura kummercjali u zgur li ma jistax jinghad illi l-prodott mibjugh mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta kien ghal uzu esklusiv taghha. Izda jirrizulta illi l-prodott akkwistat kien jerga’ jinbiegh lill-terzi. Illi ghalhekk ma hemmx dubju illi **kull konsenja ma tistax tigi ikkunsidrata bhala kreditu separat izda ghandu jitqies bhala transazzjoni kontinwa fin-negozju bejn il-partijiet naxxenti mil-istess kont. Fil-fatt l-istatements esebiti juru li l-kont huwa wiehed, kontinwu, b’diversi debiti u krediti registrati fih,** liema kont igib in-numru AO28.

“Illi ghalhekk ma hemmx dubju li l-preskrizzjoni fil-kaz odjern bdiet tiddekorri mid-data ta’ l-ahhar konsenja jew pagament maghmul mill-partijiet. Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li sas-sena elfejn u tnejn (2002) in-negozju kien ghadu ghaddej bejn il-partijiet. Anke korrispondenza ghaddiet bejn il-partijiet wara s-sena 1999 dwar kif kellha ssir il-konsenja ta’ l-oggetti provduti mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.

“Illi dan l-argument huwa msahhah ukoll bl-insenjament moghti mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Kummercjali) fil-kawza fl-ismijiet **<u>Giovanni Micallef vs Giuseppe Azzopardi</u>** deciza fid-19 ta’ Gunju, 1933 (XXVIII-I-751) fejn jinghad:-

“Che da cio` emerge anche chiaro che I rapporti interceduti tra l-attore e il convenuto sono rapporti d’indole commerciale perche` il citato non acquistava il vino per proprio uso ma per venderlo nella sua bottega …. e quindi le somministrazioni e consegne che l’attore faceva al citato, come evincesi dal complesso di prove, non devono considerarsi come singole consegne a credenza ma come diverse forniture da formare un solo conto. Quindi i pagamenti che si facevano acconto importavano ricognizione dell’ intero debito, e la prescrizione deve incominciare dal di dell’ultima fornitura quando cessarono i rapporti tra I contendenti.”

“Illi l-Qorti tghaddi biex tghid illi meta l-konvenut iressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa l-attur li jrid juri b’xi mod li l-preskrizzjoni sollevata giet interrotta b’xi mod. Illi mbaghad sta ghall-konvenut, wara tali prova, sabiex jikkonvinci lill-Qorti li dak allegat minnu u cioe` li l-kreditu kien perent huwa minnu.

“Illi f’dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni u s-socjeta` attrici wriet, bid-dokumentazzjoni minnha prodotta, kif ukoll bid-dokumentazzjoni prodotta mis-socjeta` konvenuta, illi din il-preskrizzjoni giet effettivament interrotta. Illi s-socjeta` konvenuta ma ghamlet xejn, wara dan l-istadju, sabiex il-Qorti tkun konvinta li l-eccezzjoni minnha vantata ghandha mis-sewwa. Illi sahansitra jinghad illi fl-1 ta’ Mejju, 1999 is-socjeta` konvenuta kienet ghamlet pagament fl-ammont ta’ LM1,580 lis-socjeta` attrici u dan skond ma jirrizulta mid-dokument a fol 81 tal-process.

“Illi dan hu proprju l-kaz odjern, fejn ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet kienet ta’ akkwist ta’ diversi prodotti mis-socjeta` konvenuta u konsegwentement l-istess socjeta` konvenuta kienet tbiegh dawn il-prodotti lill-terzi. Illi ghalhekk il-konsenja tal-prodotti mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta ma ghandhomx jitqiesu bhala konsenji separati u distinti izda ghandhom jitqiesu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi bhala konsenja wahda. Illi l-

preskrizzjoni bdiet tiddekorri mill-ghada ta' l-ahhar konsenja, jew l-ahhar hlas.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ghadhom ma ghaddewx hames snin minn din l-ahhar data. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi michuda."

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` konvenuta qed tilqa' ghat-talba attrici billi qed jigi eccepit, fost affarijiet ohra, li l-kreditu pretiz huwa preskritt bid-dekors ta' hames snin kif previst fl-artikolu 2156(f) tal-Kap 16. Il-paragrafu (f) ta' dan l-artikolu jirriferi, b'mod generali, ghal dawk l-azzjonijiet istitwiti "**ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali …**" Din il-Qorti ghalhekk trid tara jekk l-preskrizzjoni sollevata hijiex applikabbli ghal kaz sottoezami.
Matul is-smigh tax-xhieda rrizulta b'mod car li t-trattativi ta' bejn il-partijiet kienu "*on consignment basis".* Dan jirrizulta mhux biss mix-xiehda ta' Simon Farrugia, skrivan mas-socjeta` attrici[1] izda l-istess socjeta` konvenuta appellanti taccetta dan il-fatt kif jidher minn dak li jinghad fir-rikors ta' appell taghha. Infatti f'dan ir-rikors jinghad espressament hekk: "*l-appellanta ma kinitx tixtri l-merkanzija minghand l-appellata, imma l-oggetti kienu jghaddu fil-pussess taghha, u hi kienet tbieghhom lil terzi. Kwalunkwe hlas ikun dovut mal-bejgh ta' l-oggett ikkonsenjat, mhux mal-konsenja.*"

Kif sewwa qalet il-Qorti tal-Kummerc (per W. Harding J.) f'sentenza tas-26 ta' April, 1951 fil-kawza fl-ismijiet "Avukat Dr George Vassallo noe v. Victor Caruana noe" "*Il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgh, imma pjuttost ta' kummissjoni.*" Dan ghaliex il-parti li tircevi l-mercja ma ssirx il-proprjetarja ta' dik merkanzija bhal ma jigri f'kaz ta' bejgh, izda ghandha biss minn natura ta' depozitarju bl-obbligu li, mal-bejgh ta' dik il-merkanzija lill-terzi persuni bil-prezz

[1] Fol. 97 tal-process.

minnha konvenut ma dawk it-terzi, thallas lid-depozitant il-prezz originarjament konvenut ghal dik il-merkanzija hekk mibjugha.

Il-parti li tircevi l-merkanzija "on consignment" hija ghalhekk il-kustodja ossia depozitarja ta' dik il-merkanzija u bhala tali ma tistax tippreskrivi favur taghha inkwantu dik il-parti tkun qed izzomm il-haga f'isem haddiehor[2]. Tali persuna izda tista` tippreskrivi jekk it-titolu taghha jitbiddel "*minhabba raguni li tkun gejja min terza persuna*"[3]. Dan ifisser li kemm-il darba jsir il-bejgh tal-merkanzija "on consignment" il-parti li tkun irceviet l-merkanzija b'dan it-titolu tista` tissolleva l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kemm-il darba jkun ghadda l-perjodu preskrittiv mehtieg bejn id-data tal-bejgh lill-terza persuna, li tkun allura holqot l-obbligu ta' hlas mil-"consignee" lill-principal. Isegwi li din l-eccezzjoni tista` biss tkun sollevabbli kemm-il darba ssir il-prova, mill-"consignee" li huwa ittrasferixxa l-merkanzija lill-terzi persuni. Izda, f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax li din il-prova saret. Anzi, ghal kuntrarju, kif jidher fit-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, qed jinghad li "*ma kien hemm l-ebda fornitura ta' merkanzija b'obbligu ta' hlas …*" Ghalhekk il-preskrizzjoni eccepita mhux relevanti. Daqstant mhux relevanti dak li nghad mis-socjeta` appellanti dwar il-'gurament decizorju' billi dan il-gurament jippresupponi sitwazzjoni fejn l-kreditu huwa preskrivibbli u, ghar-raguni fuq moghtija din il-prova ma saritx.

Ghar-ragunijiet hawn moghtija, u mhux ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza appellata, id-decizjoni ta' l-ewwel qorti inkwantu cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni qed tigi kkonfermata u b'hekk l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud, bl-ispejjes ta' dan l-appell ghas-socjeta` konvenuta appellanti.  Il-Qorti tordna li l-atti jigu minnufih rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi.

---

2 Ara artikolu 2118 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
3 Ara artikolu 2119 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------